

32005R0522

L 84/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

2.4.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 522/2005**tal-1 ta' April 2005**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni Kimberley Proċess għall-kummerċ internazzjonali fid-djamanti mhux maħduma

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Kimberley Proċess fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma¹, u partikolarment l-Artikoli 19(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex titjieb l-funzjonalità ta' ċertifikat tal-Komunità ċertu karatteristiċi tekniċi stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2368/2002 għandhom jiġu emendati.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-intestatura 'Numerazzjoni' tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2368/2002 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-inċiż erbgħa

(i) fl-ewwel linja t-test '(li jidhru ħodor taħt id-dawl UV)' jiġi mħassar;

(ii) it-tielet sottoinċiż jiġi mhassar.

(b) L-inċiż ħamsa jiġi sostitwit permezz ta' 'It-tieni = 8 ċifri sekwenzali ta' numri stampati inviżibbli (li jaqblu ma' hawn fuq), li jidhru taħt id-dawl UV'.

¹ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 28. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1474/2004 (ĠU L 271, 18.8.2004, p. 29).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni

Benita FERRERO-WALDNER,

Membru tal-Kummissjoni